MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tas-7 ta' April, 2003

Talba Numru. 316/2003

***Anthony Cassar A&CE***

***vs***

***Dion Drago***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta' Frar, 2003, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' tlett mija u tnejn u ghoxrin lira Maltin (Lm322) rappresentanti xoghol professjonali konsistenti f'tibdil strutturali fil-propjeta tal-konvenut, disinn ta' *swimming pool*, u supervizzjoni tax-xoghol u dana skond l-invoice numru 364 tas-27 ta' Settembru 2002 esibita ma' l-avviz.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa' ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' l-attur, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut u li l-konvenut qieghed jirrifjuta jhallas l-ammont dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokument esibit.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur s-somma ta' tlett mija u tnejn u ghoxrin lira Maltin (Lm322).

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------